MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 760/1999/1

**Evan Scerri**

**vs**

**Mark Lyons**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' erba mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465.00) rappresentanti fi hsarat li saru fuq il-vettura Mazda numru ta' registrazzjoni DBB 165 wara li l-konvenut ikkawza incident awtomobilistiku fit-28 ta' Marzu 1999 ghal habta tat-3.30p.m. fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, liema incident gara minhabba n-negligenza, traskuragni u n-non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u li biha eccepixxa (fol 4 tal-atti):-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz li gara fit-28 ta' Marzu 1999 bejn il-kontendenti go San Pawl ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort u htija tal-attur Evan Scerri u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni kif mitluba huma f'kwalunkwe kaz ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minnufih, jinghad li l-konvenut ma issottometta ebda prova avolja inghata l-opportunita sabiex jaghmel dan (ara fol 31, 32, 34 u 35 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tal-<u>attur</u>, hu spjega, meta xehed a fol 9 u fol 23 et seq ibid, illi kien ipparkegga l-karozza tieghu quddiem hanut, kif muri fuq l-iskizz esebit in atti a fol 12.

Wara li dahal fl-istess hanut, hu sema' hoss ta' daqqa. Apparentement hu hareg barra u ra li kienet intlaqtet l-istess karozza tieghu minn vettura ohra li fiha kien hemm tnejn minn nies, il-konvenut u passiggier, bit-tnejn fis-sakra.

Illi <u>PS 455 Emanuel Sammut</u> (fol 26 u 27 ibid) wara li ikkonferma li l-iskizz u rapport esebiti mal-atti a fol 12 sa fol 16, saru minnu stess meta investiga l-istess kaz. L-istess xhud ikkonferma li kien sar "<u>breathaliser test" fuq l-istess konvenut</u>, li kien qed jsuq il-vettura tal-kiri li habtet ma dik tal-attur u l-istess "test" kien irrisulta posittiv fis-

sens li l-konvenut kien xurban. Fi kliem l-istess xhud "…… tant kemm kellu xorb go fih (b'referenza ghall-konvenut) li dan lanqas seta' jkellimni" (ara ukoll ix-xhieda ta' Rita Scerri, mart l-attur a fol 28 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li gie ampjament pruvat li r-responsabilta' ta' dan l-incident trid tigi akkollata, kollha kemm hi, lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward danni, li ma gewx kontestati mill-konvenut, bhala prova l-attur esebixxa l-ircevuti relattivi kif jidher a fol 25 tal-atti. Ghalhekk dak li allega l-konvenut, fit-tieni eccezzjoni tieghu, bl-ebda mod, ma rrisulta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-incident in esami gara minhabba negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm465.00,0

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm465.00,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------